# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat Nru.: 601/2019 MH**

**Illum, 7 ta' Ottubru, 2020**

**Carmel Briffa (ID 483363M)**

***-Vs-***

**Dr. Fransina Abela u l-PL Luisa Tufigno li b' digriet tas-16 ta' Lulju 2019 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-eredi mhux maghrufa ta' Benedetta Meilaq (ID 289336M)**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors datat 18 ta' Ġunju 2019 fejn intalbet l-awtorizazzjoni tal-Qorti biex ir-rikorrenti jgħaddi għal esekuzzjoni tat-titlu stante d-dekor taz-zmien ai terminu ta' l-artikolu 259 tal-Kapitlu 12.

Rat lid-deputati kuraturi ma kienux edotti minn ebda fatt u taw eċċezzjoni f' dan ir-rigward ukoll talbu prova tad-dejn kollu li kien għadu dovut.

Rat li filfatt ir-rikors promotur kien ikkonfermat bil-ġurament u lir-rikorrenti straħ fuq il-kontenut tiegħu (ara seduta tas-27 ta' Novembru, 2019).

Rat ukoll illi l-intimati noe straħ fuq il-provi proċesswali.

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-proċedura hija waħda maħsuba biex tirregola l-ezekuzzjoni ta' titolu ezekuttiv li jkunu għadda ċerta zmien minn fuqhom.

Tara li l-iskop ta' l-artikolu 258 mhux li l-intimati jiġu dikjarati debituri o meno, għalkemm tista' tiddetermina kemm mid-dejn kien għadu dovut, imma biex tirriattiva titolu ezekuttiv gie pre ezistenti, fi kliem iehor dak it-titlu jerga' jsir esegwibbli.

Konsegwentement premess dan kollu taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt li tiċħad kull eċċezzjoni mressqa tilqa' t-talba kif dedotta.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reg.**